32004R1991



# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1991/2004

## tad-19 ta' Novembru 2004

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni tal-origini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel [2], kif emendata mid-Direttiva 2003/89/KE [3] f'dak li jirrigwarda l-indikazzjoni tal-ingredjenti preżenti fl-oġġetti tal-ikel jipprovdi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6(3a) tiegħu li kwalunkwe ingredjent imsemmi fl-Anness IIIa għalih għandu jkun imniżżel fuq it-tikketti ta' kwalunkwe xarba li jkun fiha aktar minn 1,2 % f'volum ta' alkoħol.

(2) Fir-rigward tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(3a)(a) tad-Direttiva 2000/13/KE jipprovdi li r-regoli dettaljati tal-preżentazzjoni tal-ingredjenti msemmija fl-Anness IIIa jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

(3) L-ewwel paragrafu tal-punt D tal-Anness VII u l-ewwel paragrafu tal-punt E tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistipulaw li t-tagħrif fuq it-tikketti għandu jingħata f'waħda jew aktar mill-lingwi uffiċjali tal-Komunità biex b'hekk il-konsumatur aħħari jkun jista' faċilment jifhem il-punti kollha ta' dan it-tagħrif.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 [4] għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-25 ta' Novembru 2004, jiġifieri mal-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/89/KE.

(6) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, id-dettalji obbligatorji tal-importatur u n-numru tal-lott u l-ingredjenti msemmija fl-Artikolu 6(3a) tad-Direttiva 2000/13/KE jistgħu jidhru 'il barra miż-żona viżiva li fiha jidhru d-dettalji obbligatorji l-oħra."

(b) Qiegħed jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fejn wieħed jew aktar mill-ingredjenti elenkati fl-Anness IIIa għad-Direttiva 2000/13/KE jkunu jinsabu f'wieħed mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandhom jitniżżlu fuq it-tikketta u ppreċeduti bit-terminu 'fih'. Fir-rigward tas-sulfiti jistgħu jintużaw it-termini li ġejjin: 'sulfiti' jew 'dijossidu tal-kubrit'."

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

[2] ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

[3] ĠU L 308, 25.11.2003, p. 15.

[4] ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 908/2004 (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 11).

2) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 3, għandhom japplikaw mutatis mutandis għad-dettalji obbligatorji msemmija fl-Artikolu 12."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Novembru 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2004

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*